# IL-ĦAMES PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI
# APPELLI KRIMINALI
# (Sede Superjuri)

**30 ta' April, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

*Ir-Repubblika ta' Malta*

*versus*

Dr. Lawrence Pullicino

**Ħelsien mill-Arrest – "L-istess Kawża"**

*L-appell interpost mid-dikjarazzjoni ta' ħtija u piena inflitta b'sentenza tal-Qorti Kriminali ma jikkostitwix kawża ġdida għall-finijiet ta' l-artikolu 581 tal-Kodiċi Kriminali iżda l-istess appell, jew aħjar, l-istadju ta' l-appell huwa prosegwiment ta' l-istess kawża.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' l-istess Dottor Lawrence Pullicino ppreżentat fil-15 ta' Marzu, 1993, li permezz tiegħu ppremetta illi:

1) Kontestwalment ma' l-istess rikors, huwa kien qed jippreżenta rikors ta' l-appell mid-dikjarazzjoni ta' ħtija u piena inflitta fuqu bis-sentenza tal-Qorti Kriminali fil-kawża fl-ismijiet fuq indikati mogħtija fl-10 ta' Marzu, 1993;

2) Hu jixtieq li jinħeles mill-arrest pendenti d-deċiżjoni ta' l-appell tiegħu;

Talab li din il-Qorti a tenur ta' l-artikolu 509 tal-Kodiċi Kriminali, jogħġobha li hu jinħeles mill-arrest bil-garanzija, pendenti d-deċiżjoni ta' l-istess appell, u jekk, hu possibbli, li bħala garanzija, isservi s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf lira (Lm25,000), li ġà kienet ġiet iddepożitata fil-Qorti Kriminali minnu, u li b'digriet ta' l-istess Qorti tas-7 ta' Jannar, 1993, ġiet inutilment iddikjarata mitlufa, billi, issa li sar il-ġuri, wara kollox irriżulta li Nikol Cutajar, ma kienx xhud tal-Prosekuzzjoni u ma ġiex prodott minnha bħala xhud fl-istess ġuri, jew taħt kull provvediment ieħor li din il-Qorti jidhrilha li għandha timponi fiċ-ċirkostanzi;

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali għar-rikors ta' l-appellant, ippreżentat fis-16 ta' Marzu, 1993, li biha huwa oppona ruħu għat-talba għall-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest lill-appellant u dan peress li, apparti d-digriet ċar ta' l-artikolu 581 tal-Kap. 9, ir-rikorrent ġà wera biċ-ċar li ma jagħtix affidament li joqgħod fil-Qorti Kriminali, b'digriet tagħha tas-7 ta' Jannar, 1993, irrevokatlu l-benefiċċju li kien ingħata u ordnat il-konfiska tal-pleġġ (li llum għadda favur l-erarju pubbliku) u dana għar-raġunijiet mogħtija fl-istess digriet. Il-fatt li Nikol Cutajar ma ġiex prodott mill-Prosekuzzjoni fil-kors tal-ġuri ma jnaqqas xejn mid-digriet tas-7 ta' Jannar, 1993, jew mill-korrettezza tal-motivazzjoni tiegħu;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi fil-kors tat-trattazzjoni orali li saret quddiem din il-Qorti ġew dibattuti d-diversi punti legali involuti fit-talba tar-rikorrent Dottor Pullicino partikolarment dawk konnessi ma' dak li jipprovdi l-artikolu 581 tal-Kap. 9;

L-artikolu 581 tal-Kap. 9 jistabbilixxi li fil-każ imsemmi fl-artikolu 579, tal-Kap. 9, lill-arrestat ma jistax jerġa' jiġi mogħti l-ħelsien mill-arrest fl-istess kawża;

L-artikolu 579 tal-Kap. 9 jipprovdi għat-telf tal-libertà provviżorja u *għall-konfiska tal-pleġġ fil-każ fejn l-akkużat jonqos* li jidher jew jonqos li josserva xi kondizzjoni fiha imposta jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' persuna oħra;

L-Onorabbli Qorti Kriminali, b'digriet tas-7 ta' Jannar, 1993, fuq rikors *ad hoc* ta' l-Avukat Ġenerali, kienet, wara li rat l-artikolu 579 tal-Kap. 9, laqgħet it-talba ta' l-Avukat Ġenerali billi ordnat ir-riarrest ta' l-akkużat u ordnat li s-somma msemmija fl-obbligazzjoni relattiva tal-garanzija tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta;

Id-difensur ta' l-appellant jissottometti prinċipalment illi dak

li hemm stabbilit fl-artikolu 581 tal-Kap. 9, u li ssemma aktar 'il fuq, mhux ta' ostakolu biex din il-Qorti, takkorda lill-appellant il-libertà provvizorja, peress li dak l-artikolu jirreferi ghall-"istess kawża" mentri l-appell interpost jikkostitwixxi kawża ġdida. Jiġifieri, qed jissottometti l-appellant, kieku kien għadu pendenti l-ġuri, wieħed kien ikun jista' jitkellem fuq l-"istess kawża" mentri *una volta* spiċċa l-ġuri u ġie intavolat l-appell bdiet kawża ġdida u għalhekk l-artikolu 581 tal-Kap. 9 mhux aktar ta' ostakolu;

Din il-Qorti tara li ma *tistax* taqbel *ma'* din is-sottomissjoni peress li l-kawża kienet, u baqgħet waħda ċjoè dik fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta *vs* Dottor Lawrence Pullicino mibdija taħt l-att ta' akkuża 7 ta' l-1989 u l-ġuri u l-appell m'humiex ħlief żewġ fażijiet differenti ta' l-istess kawża. Fi kliem ieħor, din il-Qorti tara li l-uniku mod kif jista' jiftiehem l-artikolu 581 meta juża l-kliem "fl-istess kawża", huwa fis-sens li ma hemm xejn x'jindika li l-appell għandu jiġi kkunsidrat bħala kawża separata u distinta iżda li l-istess appell, jew aħjar, l-istadju ta' l-appell, huwa prosegwiment ta' l-istess kawża;

Fiċ-ċirkostanzi attwali, ma jirriżultax li b'digriet tal-Qorti Kriminali tas-7 ta' Jannar, 1993, li għal kull buon fini għadu viġenti, jista' ma jikkostitwix ostakolu fit-termini ta' l-artikolu 581 tal-Kap. 9, biex din il-Qorti takkolji t-talba tar-rikorrent għal-libertà provvizorja mill-ġdid;

F'dawn iċ-ċirkostanzi, ukoll, ikun superfluwu, li jiġu kkunsidrati, sottomissjonijiet li l-appellant rikorrent għamel in konnessjoni ma' aspetti oħra, li bil-fors jassumu vesti sekondarja minħabba l-ostakolu li jippreżenta l-artikolu 581 tal-Kap. 9;

Għal dawn il-motivi, it-talba tar-rikorrent għal-libertà provvizorja hija miċħuda.